MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Numru. 442/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Pirlouit Pierre-Louis D. Provis**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba kontra

**Pirlouit Pierre-Louis D. Provis,** iben Provis Benoit u Marie Noelle nee` Pollet, imwieled Belgium nhar id- 09 ta` Settembru 1994, residenti 25, Triq il-Qratas, Swieqi u detentur tal-karta tal-identita 591-3754546-69.

Akkuzat talli f`dawn il-Gzejjer, fis-26 ta` Mejju 2015 ghal habta tal- erbgha ta` filghodu (04:00a.m) waqt li kien fi Triq il-Hemel, Swieqi u/jew fil-vicinanzi, b`diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal- ligi u gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe` li jikkommetti serq aggravat bil-mezz, hin, valur li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa minn tlett vetturi wahda minnhom tal-ghamla Peugeot numru bin-numru ta` registrazzjoni CQZ 501 ghad dannu ta` Anthony Meli u persuni ohra b'identita sa issa mhux maghrufa, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall- esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta tieghu.(Art. 18, 41(a), 261 (b), (c), (f) (g), 263 (a), 267, 270, 271 (g), 279 (a) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

U aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi f`lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku kien fi stat ta` sakra (Art. 338 (ff) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Il-Qorti;

Rat l-ammissjoni;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Wara li fhemet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fatt illi attwalment ma nsteraq xejn u l-akkuzat kien fi stat ta’ sokor.

Wara li rat wkoll li l-akkuzat ghandu fedina penali netta u kkollabora bi shih mal-Pulizija.

Wara li rat l-Artikoli ndikati fl-akkuza, kif wkoll l-Art 22 tal-Kap. 446, il-Qorti qieghdha ssib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, izda in vista tac-cirkostanzi kollha fuq imsemmija qieghdha tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tlett (3) snin millum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------